MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 516/2003

**Pater Finance Co. Ltd.**

**vs**

**Caseta Investments Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Marzu, 2003 fejn intalab il-hlas ta' sitt mitt lira Maltija (Lm600.00) rapprezentanti import ta' seba' kambjali, wahda ta' sitta u tletin lira (Lm36.00) (bilanc) u sitta ta' erbgha u disghin lira (Lm94.00) l-wahda, debitament accettati u skaduti minn Awissu, 2002 sa Frar, 2003 rispettivament u mhux imhallsa, annessi ma' l-avviz bhala dokumenti numri 1 sa 7 konsekuttivament u inklusivament;**
**Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-28 ta' Jannar, 2003 jammontaw ghal tnax-il lira Maltija**

**oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi sitt liri (Lm6.00) tal-konsult legali, kontra s-socjeta` konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha huma ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta.**

**Ra n-nota ta' cessjoni prezentata fid-19 ta' Settembru, 2003, li biha gie cedut is-sorte pero` inzamm ferm il-kap ta' l-ispejjez.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri dwar is-sorte, jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas l-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi sitt liri (Lm6.00) tal-konsult legali.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------